**Il-Pakistan, b'mod partikolari s-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-piena tal-mewt**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**

**Emenda1**

Charles Tannock, Karol Karski

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -H (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***H (ġdida).*** *billi l-każ ta' Aasiya Noreen, magħrufa aħjar bħala Asia Bibi, għadu kwistjoni ta' importanza serja rigward id-drittijiet tal-bniedem fil-Pakistan; billi Bibi, mara Nisranija Pakistana, instabet ħatja ta' atti blasfemi minn qorti Pakistana u ġiet ikkundannata għall-mewt permezz ta' tgħalliq fl-2010; billi, jekk tinqatel, Bibi tkun l-ewwel mara li tkun inqatlet legalment fil-Pakistan għal atti blasfemi; billi diversi petizzjonijiet internazzjonali talbu l-ħelsien tagħha peress li kienet qed tiġi ppersegwitata minħabba r-reliġjon tagħha; billi l-Ministru tal-Minoranzi Nisrani Shahbaz Bhatti u l-politiku Musulman Salmaan Taseer inqatlu minn vigilantes talli qabżu għaliha u tkellmu kontra l-"liġijiet dwar atti blasfemi"; billi minkejja s-sospensjoni temporanja tal-piena tal-mewt ta' Bibi, hija għadha l-ħabs sal-lum u l-familja tagħha għadha moħbija;* |

**Emenda 2**
**Charles Tannock, Karol Karski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragraph 8 (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 (ġdida).*** *Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Pakistan isolvi, bl-aktar mod pożittiv u rapidu possibbli, il-każ li għaddej ta' Asia Bibi; jirrakkomanda li jittieħdu passi biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-Sa Bibi u l-familja tagħha fid-dawl tat-trattament storiku ta' vittmi ta' allegazzjonijiet ta' atti blasfemi minn vigilantes u atturi mhux ġudizzjarji;* |